MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 71/2012

**Paul Falzon u JP Blocks Limited (C30782)**

**vs**

**Joseph Zahra**

**Maria Dolores Zahra**

**Zahra Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Zahra Limited li permezz tieghu ghar-ragunijiet fih premessi illi:

Fil-31 ta' Lulju 2009 l-atturi intavolaw mandat ta' sekwestru numru 1288/09 kontra s-socjetà esponenti ghas-somma ta' Euros 480,000 sabiex tigi kkawtelata l-pretensjoni taghhom ghad-danni fil-konfront tas-socjetà esponenti konsegwenza tar-rexissjoni tal-kuntratt ta' cens da parti ta' l-istess socjetà esponenti.

Is-socjetà esponenti tissottometti bir-rispett illi ma jezistux l-elementi rikjesti mill-ligi biex il-mandat odjern jibqa' fis-sehh u ghaldaqstant qed tintavola dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-hrug ta' kontro-mandat tal-mandat imsemmi.

It-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru odjern sar b'malizzja u hija wahda frivola u vessatorja u dana ghar-ragunijiet li ser isegwu u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè illi tikkundanna lill-attur Paul Falzon sabiex ihallas penali, liema penali ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti entro l-parametri impost skond l-istess artikolu.

L-imsemmi Paul Falzon gia intavola zewg mandati ta' sekwestru kontra s-socjetà esponenti, wiehed fit-8 ta' Jannar 2008 mandat numru 15/08 u l-iehor fit-3 ta' Novembru 2010 mandat numru 1695/2010.

Iz-zewg mandati fuq imsemmija gew revokati minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta, u dana skond digriet datat 15 ta' Settembru 2008 [Dok. A] ghal dik illi jirrigwarda l-mandat numru 15/08 u skond digriet datat 28 ta' Gunju 2011 [Dok. B] ghal dik illi jirrigarda l-mandat numru 1695/2010.

Ai termini tal-artikolu 836(5) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta gia la darba mandat kawtelatorju jigi revokat wiehed ma jistax jerga' jitlob illi jinhareg mandat kawtelatorju iehor, sakemm ir-rikorrenti ma jiddikjarax li jkunu nqalghu cirkostanzi minn meta gie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel li jiggustifikaw il-hrug ta' att kawtelatorju gdid bhal dak li jkun gie revokat.

Dan il-punt gia gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti kif preseduta fid-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2011 [Dok. A].

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1288/09 ghal kollox stante li jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-artikolu 836(5).
2. Tordna u tikkundanna lil Paul Falzon sabiex ihallas penali ta' bejn €1,164.69 u €6,988.12 ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kapitoli 12, apparte danni kif kontemplati fis-subartikoli (9) tal-Artikolu 836 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili li qed jigu espressament riservati – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Paul Falzon u JP Blocks Limited li in forza taghha ghar-ragunijiet fiha mfissra huma sostnew li l-Qorti ghandha tichad it-talba ta' Zahra Limited.

Rat l-atti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi doveruz ghal din il-Qorti tenfasizza li fil-konsiderazzjoni ta' rikorsi ta' din ix-xorti il-Qorti, minbarra li hi marbuta mal-parametri li jimponi l-istess rikorrent permezz tar-rikors tieghu u kif imfissra fih, hija tenuta li tezamina l-jedd tal-pretiz kreditur biss sa dak li jidher mad-daqqa t'ghajn b'dana illi l-iskrutinju profond jibqa' rizervat ghall-kawza fejn ikun qed jigi ezaminati l-istess pretensjonijiet.

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qieghed isejjes it-talba tieghu fuq il-provvediment tal-Art. 836(5) li jipprovdi testwalment illi:

> *"Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li*

*kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."*

Jirrizulta illi l-mandat li tieghu qed tintalab ir-revoka permezz ta' dawn il-proceduri intalab u nhareg fil-31 ta' Lulju 2009.

Issa permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Mejju 2008 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju 2010, il-Qorti kienet laqghet it-talba attrici u ordnat ir-rexissjoni ta' kuntratt li kien mertu tal-vertenza bejn il-partijiet u dan b'rizerva tad-dritt taghhom li jfittxu d-danni.

Ghalhekk ma jistax jinghad illi ma kienx hemm dak l-izvilupp tac-cirkostanzi kif jipprovdi ghalih fil-fuq citat Art. 836(5).

Jirrizulta inoltre illi dan il-mandat huwa prezentement l-unika kawtela li tezisti, biex thares l-interess ta' Paul Falzon u JP Blocks Limited fil-konfront ta' Zahra Limited.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ir-rikors ta' Zahra Limited.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------